MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti

# L-Atti tal-Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti (7 ta' Novembru 2015)

*organizzat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*
*bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti*

# L-Atti tal-Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti

**Data:** Is-Sibt, 7 ta' Novembru 2015

**Post:** Grand Hotel Excelsior, il-Furjana

**8.30am – 9.00am: Reġistrazzjoni**

Mexxa l-Forum: Il-Prof. Joseph M. Brincat mill-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta.

**9.00am – 9.05am: Ftuħ tal-Forum mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo**

Il-Forum fetaħ b'appell mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo, biex niddiskutu, niddjalogaw, u noħorġu nħarsu 'l quddiem għax kollha għandna għal qalbna l-Malti. "Għandna nżommu quddiem għajnejna dak li jgħaqqadna biex insaħħu l-ilsien nazzjonali", qal il-Ministru. L-ideat kontrastanti ġejjin mid-demm Mediterranju. "Naħseb li rridu nsaħħu l-mod kif niżviluppaw l-ilsien Malti waqt li jinfirex f'oqsma differenti. Is-saħħa tal-ilsien tagħna hija fi stat tajjeb, anke minħabba l-livell ta' diskussjoni u l-mod kif niddiskutu. Din xhieda ta' kemm hu lsien ħaj."

Il-Prof. Joseph M. Brincat stieden lill-Prof. Gerhard Stickel, il-President tal-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Lingwa, biex jagħtina l-ħsibijiet u l-frott tal-esperjenza tiegħu fuq il-qasam tal-pjanifikazzjoni lingwistika.

**9.10am – 9:40am: Taħdita mill-Professur Gerhard Stickel fuq il-Pjanifikazzjoni Lingwistika**

<u>Il-Prof. Gerhard Stickel</u>

Din il-konferenza fakkritu fil-proġett tal-EFNIL (European Federation of National Institutions of Language). L-għan tal-EFNIL hu li titjieb il-kundizzjoni li jinsabu fiha l-ilsna nazzjonali fl-Ewropa. L-EFNIL kienet oriġinarjament maħsuba biex tħares u tiżviluppa l-ilsna nazzjonali biss imma maż-żmien deher ċar li biex wieħed jagħmel dan, u biex jissaħħu l-ilsna nazzjonali, kellhom jiġu promossi l-lingwi barranin ukoll. L-EFNIL għalhekk tappoġġja l-prinċipju ta' Barċellona tal-2002 li jgħid li kull Ewropew għandu jitgħallem mill-inqas żewġ ilsna Ewropej oħra, jiġifieri 3 ilsna b'kollox, minbarra l-ilsien nattiv: 1+2. B'hekk, il-lingwi l-oħra ma narawhomx bħala kompetituri jew għedewwa imma bħala kuntest kulturali u lingwistiku relevanti għal-lingwi tagħna. Id-diversità lingwistika Ewropea hija importanti għax kull lingwa individwali hija importanti.

"All European languages are equal in value and dignity from the cultural point of view and form an integral part of European culture and civilisation."

*Council Resolution of 14 February 2002 on the promotion of linguistic diversity and language learning in the framework of the implementation of the objectives of the European Year of Languages 2001*

L-EFNIL ma torganizzax biss konferenzi imma taħdem fuq proġetti oħra bħalma huma d-dokumentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' pajjiżi Ewropej differenti, mibdija mill-Franċiżi. Barra minn hekk, l-inizjattiva fi ħdanha tal-European Language Monitor (ELM) tevalwa s-sitwazzjoni lingwistika differenti fil-pajjiżi differenti.

Il-Prof. Stickel imbagħad qabbel il-liġijiet tal-lingwa f'diversi pajjiżi Ewropej: Franza, il-Polonja, l-Italja, il-Ġermanja, l-Ingilterra, is-Slovenja u l-Irlanda. Għamel referenza wkoll għall-Pajjiżi Nordiċi u Baltiċi, li kollha għandhom istitut tar-riċerka u akkademji, jew entitajiet governattivi varji, li jagħtu pariri jew jamministraw l-applikazzjoni tal-att dwar il-lingwa tal-pajjiż rispettiv.

> eż. Id-Danimarka - Il-Kunsill tal-Lingwa Daniża (Dansk Sprognaevn) huwa bejn istitut tar-riċerka u aġenzija tal-pjanifikazzjoni lingwistika li jagħti pariri lill-awtoritajiet governattivi responsabbli mill-politika dwar il-lingwa propja.
>
> eż. Il-Finlandja - Dan każ interessanti. Jeżisti istitut kbir għal-lingwi tal-Finlandja, bl-isem *Kotimaisten kielten tutkimuskeskus*, u dan għandu żewġ dipartimenti tar-riċerka għaż-żewġ lingwi uffiċjali, il-Finlandiż u l-Iżvediż, u oħrajn għal-lingwi l-oħra uffiċjali rikonoxxuti

Osservazzjonijiet:

- Bl-eċċezzjoni ta' Franza, hemm korrelazzjoni ċara bejn in-numru ta' kelliema tal-lingwa u l-istituzzjonijiet u l-politika adottata mill-pajjiż jew mill-pajjiżi fejn din il-lingwa tiġi mitkellma. Pajjiżi iżgħar għandhom ħabta jħarsu l-lingwa tagħhom aktar minn pajjiżi akbar, fejn l-użu u l-manutenzjoni ta' lingwa dominanti jkunu stabilizzaw diġà bis-saħħa tan-numru kbir ta' kelliema. Akbar ma hi l-popolazzjoni, anqas jinħass il-bżonn ta' leġiżlar.

- Bl-emanċipazzjoni tal-lingwi tal-poplu l-Ewropa intelletwali qamet u mmodernizzat. Il-Latin irriżulta fi sterilità.

**9.40am – 10:30am: Għaxar Snin ta' Ħidma - preżentazzjoni mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien**

<u>Il-Prof. Ray Fabri u s-Sur Thomas Pace</u>

Il-Ħidma tal-Kunsill - Preżentazzjoni dwar l-għaxar snin ta' ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti mill-President tal-Kunsill, il-Prof. Ray Fabri u d-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Thomas Pace.

Ara l-pubblikazzjoni *10 Snin ta' Ħidma (2005–2015)* minn hawn: https://issuu.com/kunsilltalmalti/docs

**10.30am – 11:00am: Waqfa**

**11:00am – 12.00am: Gruppi ta' ħidma fuq it-temi ewlenin li ħarġu mill-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

**12.00pm – 12.30pm: Rapporti tas-sitt gruppi ta' ħidma**

Dr Vassallo - il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: ilbieraħ, illum u għada
*Diskussjoni dwar il-kunsill*

**Moderatur:** **Dr Carmen Sammut**
**Relatur:** **Dr Mario T. Vassallo**

Il-ħidma tal-Kunsill fl-ewwel għaxar snin hija tassew impressjonanti, mifruxa f'diversi oqsma u ħolqot kuntatt ma' diversi setturi tal-politika, l-ekonomija u s-soċjetà. B'danakollu, il-viżibilità tal-Kunsill hija nieqsa kważi għalkollox mal-pubbliku. Għandu jsir sforz maħsub ta' relazzjonijiet pubbliċi f'dan ir-rigward.

Il-mezzi elettroniċi, inklużi l-*apps* u l-mezzi soċjali, għandhom jitqiesu bħala opportunità għall-Malti, aktar milli ta' theddida.

Qabel ikomplu jittieħdu aktar deċiżjonijiet mill-Kunsill, għandu jkun hemm pubblikazzjonijiet ta' ktibi *(papers)* f'*peer review journals* biex ikun instigat aktar rispons wiesa' minn lingwisti lokali u barranin.

Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi - u anki jekk dawn se jiżdiedu fil-futur, xorta waħda se jibqgħu limitati - il-Kunsill għandu jagħmel eżerċizzju ta' prijorità. Għalkemm kollox huwa tajjeb u kollox huwa ġust għall-kawża favur il-Malti, jista' jkun li ċerti proġetti għandhom jieħdu prijorità fuq il-bqija.

Il-liġi tistipula t-twaqqif taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Malti. Peress li dan għadu ma sarx, għandha tingħata importanza biex isir progress f'dan il-qasam. Ir-riżorsi jistgħu jitkattru b'fondi Ewropej, jew b'ħaddiema mis-Settur Pubbliku b'self. Għalhekk, għandha tingħata spinta ġdida għall-kisba ta' fondi Ewropej u fondi mis-Settur Privat. Saret referenza wkoll għall-impenn tal-Ministru biex jiżdiedu l-fondi.

Għandha tissaħħaħ l-idea li l-Malti jitqies u jkun promoss bħala attrazzjoni turistika fih innifsu. Kull inizjattiva f'dan il-qasam hija fejjieda u innovattiva.

Għandu jsir sforz mill-ġdid biex fil-Kunsill jitwaqqaf sottokumitat għall-ħtiġijiet tal-Maltin li jgħixu barra. Barra minn hekk, l-isforzi biex jintlaħqu l-barranin f'pajjiżna biex jitgħallmu l-Malti għandhom ikunu msaħħa u mifruxa iżjed, mhux l-inqas it-tagħlim tal-Malti fost l-immigranti. Dan għandu jkun pern kruċjali fil-politika ta' integrazzjoni li qiegħda titfassal.

Il-konsultazzjoni tal-Kunsill mal-istituzzjonijiet Ewropej għandha ssir b'mod kostanti ma' kull istituzzjoni u mhux biss mal-Kummissjoni Ewropea.

Fuq kollox, il-Kunsill tal-Malti għandu jibqa' kunsill regolatorju fejn wara proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, jieħu d-deċiżjonijiet li jkunu jorbtu b'liġi. Il-formazzjoni tal-membri tal-Kunsill għandha tibqa' awtonoma u ħielsa mill-indħil politiku. Din hi riżoluzzjoni maqbula fi ħdan dan il-grupp ta' ħidma.

Dr Josef Trapani - l-ortografija tal-Malti
*Diskussjoni dwar il-kitba bil-Malti u r-regoli tal-ortografija*

**Moderatur:** **Is-Sur Karl Scicluna**
**Relatur:** **Is-Sur Josef Trapani**

Ġie spjegat li d-deċiżjonijiet dwar l-ortografija ma jitteħdux (mill-Kunsill) b'mod arbitrarju jew b'kapriċċ, imma wara konsultazzjoni twila mal-esperti u mal-pubbliku, wara seminars u laqgħat pubbliċi ta' diskussjoni. Il-kitba hi għodda demokratika mhux privileġġ tal-letterati. Għalhekk, is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni huma fost il-ħafna kriterji importanti f'dawn id-deċiżjonijiet.

Intqal li xi bidliet li saru ma kinux meħtieġa għax m'hemmx valur miżjud li jiġu imposti bidliet bħal dawn jew li tiġi lleġiżlata l-ortografija.

Xi wħud qalu li d-deċiżjoni li l-partiċelli jinkitbu magħqudin mal-artiklu ma tirriflettix il-mod kif jingħadu għax normalment ikun hemm pawża bejn il-partiċella u l-artiklu. Min-naħa l-oħra, intqal li r-riċerka turi li, fil-fatt, m'hemmx pawża sinjifikanti u li hu impossibbli li l-ortografija tirrappreżenta kull element fonetiku jew fonoloġiku.

Tqajmet il-proposta biex meta jkunu se jinħarġu regoli ġodda, tiġi spjegata aktar il-motivazzjoni li waslet għalihom.

Kien hemm min qal li jaqbel mas-simplifikazzjoni imma din m'għandhiex tmur kontra l-prattika stabbilita.

Membri mill-Kunsill fissru li l-konsultazzjonijiet dwar id-*Deċiżjonijiet 1* baqgħu għaddejjin anke wara s-seminar nazzjonali li kien sar u l-ħruġ ta' dokument għad-diskussjoni b'ġabra ta' fehmiet ta' kull min kien interessat fis-suġġett. Kien għalhekk li mbagħad sar iktar tibdil, inklużi emendi għall-prattiċità tat-tagħlim tat-tfal. It-tibdil ma daħalx f'daqqa imma fi tliet snin li matulhom il-verżjonijiet ta' kull varjant baqgħu meqjusa korretti sakemm tindara l-forma magħżula għall-konsistenza fil-kitba. Diversi għalliema preżenti qablu ma' dan.

L-għalliema fissru wkoll li nħolqu diffikultajiet fit-tagħlim tat-tfal iż-żgħar minħabba li ddaħħlet is-sistema tal-*phonics* biex jiġu mgħallma elementi tal-Malti u l-Ingliż flimkien, minkejja prinċipji ortografiċi tant differenti.

Dwar il-kliem barrani li dieħel fil-Malti, il-membri tal-Kunsill fissru li kien wasal biex joħroġ ir-rapport ta' ħidma, imma wara l-kontroversja li nqalgħet fis-sajf, għall-prudenza, din il-pubblikazzjoni ġiet posposta. Il-ħsieb kien li joħorġu iktar fehmiet minn dan il-forum; ħasra li ħafna mid-diskussjoni "inħliet" fuq problemi "antiki".

Waħda mid-diffikultajiet attwali tal-Malti hi jekk nom "barrani" għandux jinkiteb bil-korsiv, fonetikament, jew mingħajr l-ebda sinjal, u, jekk bil-korsiv, kif għandu jinkiteb verb imnissel minn dak in-nom. Pubblikatur preżenti għal-laqgħa qal li l-kumpanija tiegħu tuża l-kliem Ingliż, fonetikament, meta tippubblika r-rumanzi, imma bil-korsiv f'kotba iktar tekniċi.

Inħass li xi kittieba għadhom isibuha diffiċli biex jidraw id-deċiżjonijiet dwar il-varjanti ortografiċi. Għalhekk irridu noqogħdu attenti ħafna meta nibdlu mudell li jkun indara. Tfakkar li kien il-Prof. Aquilina li fetaħ it-triq biex kliem barrani li daħal fil-Malti jinkiteb fonetikament, imma saħaq li kliem barrani twil jidher stramb ħafna meta jinkiteb fonetikament.

Intqal li waħda mill-problemi għat-tagħlim tal-kitba bil-Malti (li, sa ċertu punt, ġiet indirizzata bid-*Deċiżjonijiet 1*) hi li l-ortografija titolbok tkun taf minn fejn ġejja l-kelma. Dan mhux mixtieq, mhux biss minħabba li kelliem/kittieb tal-Malti m'għandux jintalab ikun jaf it-Taljan jew l-Isqalli, imma wkoll għax l-etimoloġija ta' xi kliem għadha inċerta.

Kien hemm min semma li, bħala prinċipju, it-tfal iż-żgħar għandhom l-ewwel jitgħallmu l-Malti sew. Issemma l-fatt li l-kitba ta' kliem barrani skont il-prinċipji fonetiċi tal-Malti ilha stabbilita miż-Żieda għat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1984).

Il-membri qablu li stqarrijiet u deċiżjonijiet dwar l-ortografija għandhom ikunu bbażati fuq ir-riċerka. Għalhekk, hemm bżonn ta' ħafna iktar fondi għar-riċerka lingwistika.

Is-Sur Joe Mizzi - l-iżvilupp tat-terminoloġija bil-Malti
*X'inhija t-terminoloġija u kif noħolqu kliem ġdid bil-Malti?*

**Moderatur:** **Is-Sa Jeantide Naudi**
**Relatur:** **Is-Sur Joseph Mizzi**

*Terminoloġija vs Lessikografija*

It-terminoloġija mhijiex ġabra bħal f'dizzjunarju imma idea ta' kunċetti vs tifsira. Hija lingwa speċjalizzata, kunċett f'qasam partikolari, bħal ngħidu aħna l-ġeografija, il-kontabilità, is-saħħa, l-isport, u l-bqija.

Ħafna oqsma m'għandhomx termini bil-Malti, allura għandu jitħalla t-terminu bl-Ingliż? Nieħdu eżempju mill-qasam tas-sustanzi kimiċi: *carbon dioxide*. Dan it-terminu kemm għandu espansjoni fil-qasam internazzjonali? Għandu jiġi tradott għall-Malti bħala "diossidu tal-karbonju" jew jitħalla bl-Ingliż, biż-żieda biss tal-artiklu Malti "il-*carbon dioxide*"? L-artiklu biżżejjed biex jagħmel espressjoni Maltija, anke jekk tibqa' fil-forma oriġinali? Għandha tittieħed inkonsiderazzjoni l-espansjoni fl-isfera internazzjonali? Tinftiehem iżjed jekk titħalla bl-Ingliż?

Fil-qasam tal-mediċina, ngħidu aħna, jintużaw termini li ma jinstabux fid-dizzjunarji. Għalhekk, dawn għandhom jiġu dokumentati xi mkien ieħor.

*L-importanza tal-istandardizzazzjoni*

Fil-qasam tal-liġi, insibu reġistru Taljanizzat. Hawn ħarġet l-importanza li jkun hemm reġistru. It-terminoloġija hija lingwaġġ speċjalizzat u għalhekk għandu jkollha għamla formali, irrispettivament mill-forma mitħaddta. *Carbon dioxide* tingħad differenti f'lingwi oħrajn. Pereżempju bit-Taljan insibu *biossido di carbonio*; bil-Franċiż, *dioxyde de Carbone*; bl-Ispanjol, *bióxido de carbono*.

Għandhom jiġu vvintati termini ġodda jekk għandna termini li jkunu diġà jeżistu? Apparti l-kimika, fil-qasam tas-saħħa, ngħidu aħna, jeżistu termini b'Malti li ilu użat mill-antik.

Fil-qasam tal-isport, u hawn issemma eżempju mill-*cricket*, instab li l-plejers anzjani kellhom reġistru Malti li hu differenti minn dak, bl-Ingliż, użat mill-plejers żgħażagħ li jilagħbu l-isport illum.

Il-Malti kapaċi joħloq il-kliem waħdu u m'għandhiex titneħħielu din il-kapaċità. Eżempju, għandha tintuża "magna tal-ħasil" minflok *washing machine*? *Speech language pathologist* fil-grupp ta' ħidma rrimarkat li lanqas isem ekwivalenti bil-Malti ma kien hawn, aħseb u ara termini xjentifiċi bil-Malti f'dan il-qasam.

Huwa essenzjali li jiġu involuti esperti fil-ħolqien tat- termini. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ilu minn żmien it-twaqqif tiegħu jaħdem ma' nies esperti f'oqsma diversi fil-livell ta' kumitati mwaqqfa apposta. Huwa importanti ħafna li l-esperti fid-diversi suġġetti jkunu involuti. Meta qed jissemmew esperti, huwa tajjeb li jiġi rilevat li dawn m'għandhomx ikunu biss esperti fil-qasam tagħhom, imma jkunu intiżi wkoll fil-Malti.

Hawn metodoloġiji stabbiliti li huma ffukati fuq it-terminoloġija. Ix-xogħol għandu jiġi bbażat fuq dak li huwa stabbilit internazzjonalment u fl-istess ħin jingħata widen lil xulxin. Jinħass sew il-bżonn biex f'oqsma speċjalizzati ma jkunx injorat dak li hemm diġà ħalli ma nitilfux dak li għandna. Il-kollaborazzjoni ta' bejn l-individwi hija essenzjali.

*Problemi*

- Il-problema tal-ħolqien ta' kliem ġdid li ma jeżistix fil-Malti.

- Il-problema ta' kif se nagħmlu biex it-termini nġibuhom għall-konjizzjoni ta' kulħadd. Bħalissa qegħdin jinkitbu teżijiet minn studenti universitarji biex dawn it-termini jinġabru.

- Il-problema meta nużaw termini li diġà jeżistu fil-Malti: ħafna drabi nsibu li t-tifsira tat-terminu antik tkun idjeq u differenti minn dak modern u użat fil-preżent. Pereżempju, *midwife* llum ma tkunx qiegħda twassal l-istess tifsira tal-"qabla" tal-antik.

- Trid issir distinzjoni bejn "neoloġiżmu" u "ħolqien ta' kliem".

- Reċentement issemmew il-"bankarelli" jew "barkarelli" tal-monti, għal *stall*. Għaliex mhux "posta", kif inhi diġà magħrufa man-nies?

- L-aċċettibilità tat-termini. Morfoloġija aċċettata.

- Meta tagħmel ir-riċerka kollha u ma ssibx terminu bil-Malti, x'għandu jsir?

Eżempju mis-saħħa: *injection*: labra, tilqima, inokulazzjoni. L-ebda waħda minn dawn ma twassal it-tifsira ta' injezzjoni.

- Fit-traduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa importanti li jkun hemm kontinwità mat-termini użati fil-liġijiet imfassla f'Malta.

Permezz tad-Degree Plus, l-Università qed toffri lezzjonijiet għal ħaddiema barranin fil-qasam tas-saħħa. Barra minn hekk, tul dawn l-aħħar 12-il sena d-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Università nieda riċerka dwar id-distinzjoni bejn il-Malti formali u l-Malti għall-użu speċjalizzat.

*Disseminazzjoni*

Hemm diversi modi kif termini ġodda (u mhux) jinxterdu fost il-poplu. Il-pubblikazzjoni ta' glossarji ta' termini, anke f'forom diġitali, jgħinu mhux ftit. L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom bażi tad-dejta aċċessibbli għal kulħadd. Il-pjattaforma tal-IATE, barra milli tinkludi kitbiet

magħmula mill-istituzzjonijiet, fiha wkoll teżijiet magħmula l-Università ta' Malta. U dan dejjem f'kuntest multilingwi. Id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea jippubblika wkoll ir-rivista *l-aċċent* b'suppliment regolari b'listi ta' termini speċifiċi minn oqsma differenti.

Il-Kunsill tal-Malti għandu jidħol fil-qasam tax-xandir, kif kien ir-rwol tar-Rediffusion fl-imgħoddi, bl-iskop li jgħallem lil kategoriji differenti ta' nies dwar dak li qed isir fi ħdanu.

Kull dipartiment tal-gvern f'Malta u Għawdex għandu jiġbor glossarju bit-termini użati fl-oqsma differenti tiegħu biex ikun jista' jitqassam lill-ħaddiema li jaħdmu fi ħdanu.

Is-Sur Lawrence Deguara - il-Malti fl-Edukazzjoni
*It-tagħlim tal-Malti - fejn se mmorru?*

**Moderatur:** **Is-Sur George Mifsud**
**Relatur:** **Is-Sur Lawrence Deguara**

Għalkemm hemm qafas u proġetti li juru bidu tajjeb lejn fejn sejrin, fl-istess ħin inħasset il-ħtieġa li jiġu mistħarrġa l-bżonnijiet fil-qasam tat-tagħlim tal-Malti. Ġie rikonoxxut, però, li kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż huma importanti.

Il-membri tal-grupp staqsew jekk l-għalliema tal-Malti għandhomx ikunu wkoll qarrejja tal-provi tal-Malti peress li fl-iskejjel l-għalliem tal-Malti jiġi mgħobbi wkoll bir-responsabbiltà li jgħaddi mill-qari tal-provi l-kitba kollha li toħroġ minn żmien għal żmien mill-iskola. Qamet il-mistoqsija dwar jekk jistax ikun li għalliem tal-Malti jagħmel xogħol ta' qari tal-provi tas-senjaletika tal-bini tal-iskola fil-ħin barrani, u li bħala rikumpens jingħata l-ħin lura waqt il-ħinijiet normali tal-iskola.

Intwera tħassib għas-sitwazzjoni preżenti fejn ix-xogħol tal-għalliema li ma jgħallmux il-Malti jista' jkun fih żbalji ortografiċi u li dan ix-xogħol bl-iżbalji jista' jgħaddi għand l-istudent. Għalhekk qamet il-mistoqsija dwar jekk it-tagħlim tal-ortografija Maltija għandux ikun parti mit-tagħlim mogħti mill-Università ta' Malta lill-għalliema kollha. Peress li l-għalliem tal-Primarja jista' jkun li ma jkunx intiż wisq fil-lingwa Maltija, il-membri staqsew jekk il-ħiliet tal-għalliem tal-Primarja għandhomx jogħlew f'dan ir-rigward.

Sar aċċenn għan-nuqqas ta' għodda sħiħa sabiex issir evalwazzjoni tal-livell tal-qari bil-Malti (*guided level readers*). Intqal li l-livelli tal-qari qegħdin jinħadmu bħalissa u li għalhekk dalwaqt ikollna din l-għodda f'idejna. Inħasset il-ħtieġa ta' iktar pubbliċità fix-xandir dwar ir-riżorsi edukattivi li jeżistu diġà.

Ġie ssuġġerit li jiġi pprovdut xi tip ta' kuntatt fejn l-għalliema jkunu jistgħu jistaqsu d-diffikultajiet tagħhom marbuta mal-ortografija Maltija u mal-ilsien Malti b'mod ġenerali. Il-kuntatt jista' jsir permezz ta' *stickers*, slots pubbliċitarji, reklami ta' għajnuna u programmi televiżivi fejn il-pubbliku jingħata l-opportunità li jkun jista' jistaqsi d-diffikultajiet tiegħu. Wasal iż-żmien li l-istazzjonijiet televiżivi jkunu marbuta li jiddedikaw siegħa fil-ġimgħa għat-tagħlim marbut mal-ilsien Malti?

Ġie ssuġġerit ukoll li ssir pressjoni mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex in-numru ta' lezzjonijiet fl-iskejjel allokati lill-ilsien Malti u dak Ingliż ikun indaqs. Barra minn hekk, għandu jkun hemm bilanċ bejn il-letteratura u l-lingwistika u dan il-bilanċ għandu jibda mill-bidu nett tas-snin tal-iskola.

Ġie rrimarkat li xi ċirkularitajiet li jaslu fl-iskejjel mid-Direttorat jaslu bl-Ingliż biss u l-grupp ta' ħidma jissuġġerixxi li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni jibgħat kull korrispondenza biż-żewġ lingwi uffiċjali. B'hekk ma jkunx hemm il-bżonn li dawn iċ-ċirkularitajiet jiġu tradotti mill-iskejjel.

Il-membri staqsew ukoll jekk wasalx iż-żmien li jkun hawn standardizzazzjoni fit-termini li jintużaw fl-iskola u, speċjalment, fejn jidħlu termini marbuta mal-punteġġjatura, bħal 'comma' jew 'virgola'. Il-membri tal-grupp saħqu wkoll fuq l-importanza tar-rispett lejn id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Ġie ssuġġerit li jkun hemm inċentivi għall-għalliema li jattendu korsijiet ta' aġġornament wara l-ħin u speċjalment għal dawk l-għalliema li s-suġġett li jgħallmu mhuwiex l-ilsien Malti. Hawnhekk tfaħħret l-inizjattiva tal-Kunsill tal-Malti li diġà qed joffri dawn il-korsijiet meħtieġa.

Ġie suġġerit li jkun hemm regolamentazzjoni għax-xandara li jużaw l-ilsien Malti, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li dawn qed ikunu l-edukaturi ta' wliedna.

Il-membri saħqu fuq il-bżonn ta' dizzjunarju tal-Malti li jkun jista' jiġi aċċessat *online* u fuq il-bżonn ta' grammatika Maltija aġġornata li tkun punt ta' referenza għall-għalliema.

Qamet ukoll il-mistoqsija jekk wasalx iż-żmien li, f'xi suġġetti li sal-lum il-ġurnata huma marbuta li jitkellmu bl-Ingliż, tinbidel il-lingwa tal-karta tal-eżami sabiex l-għalliema ta' dawn is-suġġetti jkollhom l-opportunità li jgħallmu s-suġġett bil-Malti wkoll. Fl-istess ħin, il-membri staqsew wasalx ukoll iż-żmien li l-Malti jingħata aktar għarfien fl-Università ta' Malta.

Dan il-Grupp ta' Ħidma ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jagħmel pressjoni biex l-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex jimxu mal-politika tal-lingwa li tkun torbot lil kulħadd l-istess.

<u>Dr Corazón Mizzi - il-Malti fix-xandir</u>
*Il-pluraliżmu u l-konsegwenzi*

**Moderatur:** **Is-Sa Anna Bonanno**
**Relatur:** **Dr Corazón Mizzi**

Meta f'Malta kellna stazzjon televiżiv wieħed, dan kien jiġbor fih l-aħjar xandara. Mal-pluraliżmu s-sitwazzjoni nbidlet u, sfortunatament, magħha wkoll il-kwalità tal-użu tal-Malti. Barra minn hekk, biex issir xandar/a, qabel kont trid tagħmel intervista u perjodu ta' taħriġ. Illum dawn mhux neċessarjament isiru mill-istazzjonijiet lokali. Għal ħafna, il-ġurnaliżmu huwa xogħol tranżitorju aktar milli karriera.

Id-diffikultajiet fl-użu tal-Malti mhumiex biss tal-preżentaturi, imma wkoll tal-mistednin, li jkunu professjonisti fil-qasam tagħhom imma mhux fil-Malti. Altru qed titkellem fuq suġġett b'mod ġenerali, u altru fuq suġġett speċifiku, eż. il-kċina. Biex ma nsemmux ukoll il-preżentaturi tat-telebejgħ.

Hawn nuqqas ta' taħriġ għax-xandara, inkluż fil-kors tal-B. Comm. fl-Università. L-uniku kors professjonali li hawn huwa l-Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti li jsir mill-Kunsill tal-Malti bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Minnu kkwalifikaw diversi ġurnalisti u xandara. Madankollu, ħareġ li x-xandara u l-ġurnalisti jħossu l-bżonn ta' kors aktar speċjalizzat għalihom li joffrilhom taħriġ u titjib fil-Malti mitħaddet u miktub. Min jaħdem b'mod *full time* f'dan is-settur

għandu bżonn kors tal-Malti mitkellem.

Inħasset il-ħtieġa fost il-Grupp li jkunu infurzati aktar ir-regolamenti b'rabta mal-Malti mill-Awtorità tax-Xandir: l-obbligu li kull stazzjon ikollu konsulent/i tal-Malti u li jxandar programmi fuq il-Malti.

Trid issir ukoll aktar ħidma b'risq il-Maltin ta' barra, ngħidu aħna, l-emigranti fl-Awstralja, li jgħożżu ħafna lil ilsienna. Dawn jagħmlu sforzi kbar biex jiktbu bil-Malti u jagħmlu programmi bil-Malti. Ħaqqhom kull tifħir.

Intalab li jkun hawn numru ta' emerġenza għad-diffikultajiet tal-Malti li x-xandara jkunu jistgħu jċemplu f'każ li jkollhom xi mistoqsija.

Is-Sa Claudia Borg - il-Malti fl-era diġitali
*X'għodod hemm bżonn, u l-prijoritizzazzjoni*

Hemm bżonn dizzjunarju u ċekkjatur elettroniku. Dawn huma żewġ riżorsi bażiċi ta' kull lingwa. Għad-dizzjunarju nafu li għaddej ix-xogħol, anke mill-Istitut tal-Lingwistika fl-Università. Ix-xogħol fuq iċ-ċekkjatur qed isir minn kumpanija privata, bil-ħsieb li jiġi integrat f'*software* u f'applikazzjonijiet differenti li jintużaw kuljum, bħall-Microsoft Word.

Il-membri tal-grupp qablu li biex dawn iż-żewġ għodod bażiċi jkunu aċċessibbli b'mod nazzjonali hemm bżonn l-appoġġ finanzjarju u r-rieda sħiħa tal-gvern.

Fil-qasam tal-edukazzjoni hemm bżonn ukoll ta' riżorsi *online* għall-adulti li qed jieħdu korsijiet fil-Malti, kemm Malta stess kif ukoll barra. Hawn 25 skola barra minn Malta fejn qed jiġi mgħallem il-Malti. Jeżistu xi riżorsi elettroniċi għat-tagħlim tal-Malti imma dawn hemm bżonn li jkunu promossi biex jintużaw aktar, speċjalment mill-Maltin ta' barra u l-barranin li jixtiequ jitgħallmu l-Malti. B'hekk nattiraw ukoll aktar investiment ekonomiku.

Hawn bżonn ukoll aktar kotba elettroniċi *(ebooks)* bil-Malti. Possibbli l-Kunsill joħloq repożitorju għal dawn ir-riżorsi biex ikunu aċċessibbli mill-iskejjel b'mod legali? Anki barra minn Malta jiġu bżonnhom għax għandhom inqas aċċess għal riżorsi stampati.

Għandha tingħata l-importanza lill-għodod bażiċi biex issir ir-riċerka, ngħidu aħna *parser* — għodda li tkun tista' tanalizza l-istruttura ta' sentenza. B'hekk inkunu nistgħu nibnu ċekkjatur tal-grammatika.

Il-midja soċjali: il-Malti tal-midja soċjali hu Malti ħażin jew sempliċiment varjant tal-Malti bħalma kien l-Ingliż tat-telegrammi?

Issemmew ukoll bżonnijiet oħra bħar-riċerka, it-traduzzjoni awtomatika, rimarju u analiżi sentimentali fit-testi.

Għandu jkun hemm prijoritizzazzjoni fil-qasam tar-riċerka u ssir enfasi fuq l-għodod bażiċi meħtieġa l-ewwel, ħalli wara jkunu jistgħu jsiru affarijiet aktar kumplessi.

Il-promozzjoni tal-għodod bażiċi li huma diġà żviluppati għandha tissaħħaħ.

Il-parteċipanti f'dan il-grupp ta' ħidma pproponew li jerġa' jsir seminar fuq il-qasam tal-Malti fl-era diġitali, kif kien sar xi snin ilu mill-Kunsill tal-Malti, biex jittieħed rendikont ta' fejn wasalna u fejn hemm bżonn li mmorru, bl-involviment tal-ministeri, l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet u l-individwi differenti li qed jaħdmu f'dan il-qasam.

**12.30pm – 1.00pm: Interventi mill-udjenza fis-sessjoni plenarja**

**1.** Is-Sur Scerri (mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Malti fl-Edukazzjoni) - Niċċara fuq l-immigranti; il-proposta kienet li jekk jista' jkun, il-Kunsill għandu jkollu sottokumitat għat-tagħlim tal-Malti lill-immigranti.

**Tweġiba:** Il-Prof. Ray Fabri - Iva, dan is-suġġeriment se jiġi diskuss fil-Kunsill flimkien mas-suġġerimenti l-oħra li tqajmu dalgħodu. Grazzi ħafna tar-rakkomandazzjonijiet utli tagħkom

**2.** Is-Sur Achille Mizzi - Suġġeriment biex dawn ir-rapporti jiġu komunikati lill-membri li attendew dalgħodu. Dan ikun bħal rikompens għall-ħin iddedikat. Dawn għandhom iservu bħala linji gwida għall-ġejjieni.

**Tweġiba:** Il-Prof. Ray Fabri - Beħsiebna nagħmluha bla dubju, u anki l-ideat li qamu llum ħadna nota tagħhom u se joħorġu fil-pubbliku.

**3.** Il-Prof. Manwel Mifsud - għandu jiġi ppubblikat formularju, anke fuq l-internet, għal kull min ikun jixtieq jagħmel invit ta' tieġ bil-Malti u avviżi oħra ta' kull tip, bħall-i*stickers* bilingwi li tqassmu llum. Dawn it-tip ta' affarijiet għandhom ikunu fuq is-sit biex dak li jkun isib l-għajnuna.

**Tweġiba:** Is-Sur Thomas Pace - L-Akkademja qed taħdem fuq din il-ħaġa u l-Kunsill qed jikkollabora magħha fuq dan il-proġett.

**Tweġiba:** Is-Sur Olvin Vella - L-Akkademja qed tistinka ħafna biex dan il-formularju jiġi ppubblikat. Diffikultà partikolari li għandna hi, pereżempju, li l-Ingliżi jagħżlu bejn 'Mrs' 'Miss' u 'Ms', imma fil-Malti x'se nużaw, 'Sra' 'Sna' u 'Sa'? Xi ħadd irid jiddeċiedi u nemmen li l-Kunsill għandu jkun dak li jiddeċiedi. Imma l-Kunsill għandu jkun kif inhu, bl-esperti kkwalifikati fil-lingwa, mhux b'nies appuntati mill-gvern tal-ġurnata.

Ma kienx hemm aktar rimarki u domandi. Il-Prof. Joseph Brincat irringrazzja lill-udjenza għall-interventi.

**1.00pm – 1.15pm Riflessjonijiet tal-Professur Joseph M. Brincat**

Il-Prof. Joseph Brincat ta ħarsa dettaljata lejn id-diffikultajiet preżenti fil-kitba tal-kliem missellef mill-ilsna barranin fil-Malti u kif ġew.

Fakkar li d-diskors hu aktar progressiv filwaqt li l-kitba hi aktar konservattiva, għax il-kitba hija aktar sorveljata, għandha l-letteratura, il-grammatika, dizzjunarju, l-għarfien uffiċjali, u identità. Saussure jagħmel distinzjoni bejn il-*parole* u l-*langue* fejn, filwaqt li l-*parole* huwa individwali u tirrenja fih l-arbitrarjetà, il-*langue* hija xi ħaġa kollettiva, miftiehma bejn il-komunità. Għalhekk, it-tibdil fil-mitkellem isir b'rata mgħaġġla, filwaqt li fil-kitba jsir aktar bil-mod.

Il-Prof. Brincat għaraf li l-lotta hi bejn il-konservazzjoni u l-innovazzjoni.

<u>L-eżempju ta' skont/skond</u>

Kwistjoni tal-etimoloġija "skond" vs il-fonetika "skont"

Id-dizzjunarju ta' Aquilina, mill-Malti għall-Ingliż, Vol. II 1990, diġà jagħti l-possibiltà li "skont" tinkiteb bit-"t".

Id-dizzjunarju jagħti żewġ lemmi għal "skont": skont$^{1}$ u skont$^{2}$ bit-tifsiriet li ġejjin:

- skont$^{1}$: *discount*
- skont$^{2}$: *according to* (minħabba *skonti*, *skontok*, eċċ)

Id-dizzjunarju jagħti wkoll "skond" bħala varjant ta' skont$^{2}$.

Il-Malti jgħaqqad lingwi differenti imma għax ġeneralment kull kelma ssib postha. Il-kliem spiss ikun modifikat (korruzzjoni/taħlit/taħwid?).

Anki mit-Taljan saru bidliet bħal *la trave* (f) saret *it-travu* (m), *il padale* (m) saret *il-pedala* (f)

u *lettera* saret *l-ittra*. Mill-Ingliż ukoll, *kettle* saret *kitla* (f).

Il-Prof. Brincat qal li l-Malti għandu regoli għalih u rridu nirrispettaw l-istruttra tiegħu.

Fakkar kif il-kitba u l-użu tal-kliem ta' nisel Ingliż hija problema antika li kibret. Juann Mamo sa mill-1930 f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* kien konxju tal-*code-switching* qalb il-balklori.

eż. *Xi tlett suldi hume, sinjewr? Dok il-ħaxwemon u sieħbu Petest riedu* ***jiċċorġjawna*** *begetelle, lire r-ros, għax qolu li aħne* ***xxiftjajna*** *mill-Amerki. Il-***bowt** *tagħhem, sinjewr, mexxewha iiżi minn* ***blakkbort għall-kastimħaws****, u issa biex* ***jikklerjawna****, jiġifieri* ***jillandjawna*** *l-art riedu* ***wann pawnd iiċ****. Eh, x'***disgrejs** *għalikem li ma kienx haw' il-***pulis***, il-***kopp***, xi* ***blakkajj*** *kintu tibilgħu! U kinne ntaqqbulkem il-***bowt rajt tru** *(p. 275) (sic.)*

Dun Karm ukoll uża kliem bħal, *business*, *talkie* u *wajerless* fil-poeżija 'Progress 1940':

Fil-"**business**", fil-pulitka
gideb, tnassis bla qies ...
Kollox arblu ta' Mejju,
min tala' fuq sar nies.

Imm'għandna l-ajruplani,
it-**talkie**, l-**wajerless** ...
Evviva s-seklu tagħna,
is-seklu tal-progress! (sic.)

Kliem ieħor ta' nisel Ingliż kif misjub f'xogħlijiet ta' Dun Karm (Progress; *Otia Aestiva II* - San Ġiljan):

- bi grafija Ingliża: *stage*, it-*talkie*, it-talkie, tennis, Blitz (f'titlu), Black Market (sottotitlu), il-Club "Aquatic", Mary, George Cross, E-boats, "business", "baby"

- adattati: gass, xufiera

- bi grafija Maltija: il-wajerless, partita rami *(rummy)*, xelter, ix-xarabanks, tax-xarabanks

Irrimarka wkoll il-fatt li l-Prof. Aquilina, fid-dizzjunarju tiegħu tal-1987, jagħraf li għalkemm il-prinċipju ortografiku adottat fid-dizzjunarju għall-kliem missellef huwa dak fonetiku, xorta hemm reżistenza għal din il-kitba fil-każ ta' xi kliem minħabba l-familjarità tal-Maltin mal-Ingliż.

Madankollu, fid-dizzjunarju ta' Aquilina, taħt l-ittra A wieħed isib 2511 lemma ta' nisel Ingliż (=6.12% minn 41,016 lemma), eż. abbandinxipp, aġġastja, ajrix, ajsberg, ajsing, amplifajer, antifawling, antiklajmaks, apitajżer, aptudejt, artiċoks, awtogowl, eċċ.

Fil-dizzjunarju MED Concise ta' N. Vassallo (2006) hemm 1913 kelma (=8.45% minn 22,649 kelma).

Il-Prof. Brincat qabbel l-espożizzjoni għat-Taljan u l-Ingliż matul is-snin:

- fi 8 sekli daħlu madwar 21,519-il kelma mit-Taljan bi 11% tal-popolazzjoni taf bit-Taljan

- sal-1911, daħlu 2,511-il kelma mill-Ingliż bi 13% tal-popolazzjoni taf bl-Ingliż (l-edukazzjoni primarja obbligatorja daħlet fl-1946)

- fl-2005, 88% tal-popolazzjoni kienet taf bl-Ingliż. Kemm daħal kliem Ingliż fl-aħħar snin?

Dan juri kif il-kliem mit-Taljan daħal fi żmien itwal meta inqas nies kienet taf tikteb, filwaqt li l-kliem mill-Ingliż daħal fi żmien iqsar u, għalkemm għall-bidu ftit kienu jafu jiktbuh, illum 88% jafu jiktbuh.

Il-Prof. Brincat semma xi xogħlijiet fuq is-suġġett tal-kliem missellef fil-Malti:

- Dwardu Fenech, 1978. Contemporary Journalistic Maltese, pp. 86–132. (jiddistingwi bejn kliem modifikat u kliem mhux modifikat).

- Manwel Mifsud, 1995. Loan Verbs in Maltese, Brill; Kap. 6: Type D verbs, 213–251.

- Manwel Mifsud u Albert Borg, 1997. Fuq l-Għatba tal-Malti; (111 kelma mill-Ingliż fost l-ewwel elf kelma Maltija).

Spjega kif il-każ ta' Malta hu differenti minn ta' kull pajjiż ieħor għax għandna l-bilingwiżmu kemm statali u kemm fit-tagħlim. Ngħixu ż-żewġ lingwi attivament, u tliet lingwi passivament. Il-*code-switching* żdied mill-1960 u l-Prof. Brincat iddistingwa bejn:

- *code-switching*, fejn kollox huwa possibbli

- u arrikkiment, jintuża dak il-kliem (barrani) li hu utli biss.

Filwaqt li d-dizzjunarju ta' Aquilina (*Maltese-English Dictionary*) fih 41,016-il kelma, id-dizzjunarju tat-Taljan ta' De Mauro (*Grande Dizionario Italiano dell'Uso*) fih 251,209 kelma u d-dizzjunarju tal-Ingliż tal-Oxford (*Oxford English Dictionary*) fih 616,500 kelma.

F'dan l-isfond, il-Prof. Brincat wera grafika li tillustra l-*code-switching* fl-2015 u oħra ipotetika għall-2050 li turi tkabbir sew fl-użu tal-*code-switching*. Għalhekk, qal li fil-kitba hemm bżonn standard u d-diskrezzjoni fil-kitba dwar x'għandu jiġi adottat għandha tkun differenti f'kull każ.

Fost il-kriterji li jistgħu jintużaw semma:

- dak li hu modifikat/modifikabbli, jinkiteb skont ir-regoli tal-Malti, eż. televiżjoni, arja kondizzjonata.

- dak li mhux modifikat, jekk ma jaqbilx, jinkiteb bħal fl-oriġinal, eż. w*ashing-machine* (jekk mhux magna tal-ħasil).

Il-Prof. Brincat temm it-taħdita tiegħu b'xi ritratti ta' użu kreattiv ta' lingwa mħallta minn diversi pajjiżi, speċjalment ismijiet ta' ħwienet, fosthom *Cuppacino, Bonjourno, 1BOX Ful - €8, Happy Xopper*, u oħrajn.

**1.15pm – 1.30pm Għeluq mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

<u>L-Onor. Evarist Bartolo</u>

Fid-diskors tal-għeluq tiegħu l-Ministru rrimarka li minkejja li l-forum wasal fi tmiemu, id-diskussjoni se tkompli. Dak kollu li ntqal se jiġi ppubblikat. Il-Ministru saħaq fuq żewġ punti:

1. Ittieħdu passi u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti se jkompli jissaħħaħ. Ilsien ta' pajjiż żgħir għandu bżonn Kunsill li jħarsu u jiżviluppah. Se jitwaqqaf kumitat biex iħares lejn il-liġi u jara x'hemm bżonn li jinbidel fiha.

2. Hemm setturi ġodda, bħat-tradutturi u l-interpreti li jużaw il-lingwa u jgħinu fl-użu tal-lingwa, għax issa l-Malti qed jintuża f'oqsma ġodda, bħall-qasam finanzjarju, eċċ. Hemm bżonn li nħarsu kif dawn ikunu rappreżentati fil-Kunsill. Wieħed irid iħares lejn kif aktar nies ikunu rappreżentati fis-sottokumitati. B'hekk għandha tispiċċa l-idea li l-Kunsill jieħu d-deċiżjonijiet waħdu.

Qasam li l-Kunsill irid jiġi megħjun fih huwa fir-riċerka; għandna bżonn aktar riċerka empirika u evidenza. Jinkwetah il-fatt li fil-Fakultà tal-Edukazzjoni m'hemmx espert fuq il-bilingwiżmu. Importanti li jkollna riċerka li ssir f'oqsma differenti u ma nistgħux nibqgħu niddependu fuq il-volontarjat. Għandu jkun hemm fondi għal dan ix-xogħol.

Il-Ministru assigura li mhux se jittieħdu deċiżjonijiet arbitrarji. Dak li ġie diskuss se jkompli jiġi diskuss biex jissaħħaħ ilsienna f'ħafna oqsma differenti, b'tisħiħ fl-użu f'dawn l-oqsma.